## Minuti

## Laqgħa Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

## ID-DISGĦA LEGISLATURA

**Laqgħa numru 38**

**9 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmor Borg - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Maurizio Gauci – Vici sindku
Alfred Attard – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

36.1.1 Is- Sindku Desirei Grech staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri t'apoloġija fejn hi irrispondiet li rċeviet 3; Dik tas-Sur Karl Cutajar, tas-Sur Maurizio Gauci u tas-Sur Alfred Attard.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**38.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il minuti preċedenti nu36, 37 u 38. Is-sur Luke Vella ġibed l-attenzjoni li l-minuti tal-laqgħat tal-vot kellhom ikunu bl-istess numru għaliex dawn huma laqgħa ta' kontinwazzjoni. Numru tal-minuti u Aġenda ġew korretti dak il-ħin u ttieħdet nota biex tiġi rranġata anki l-aġenda.

38.2.2 Is-Sa Marie Claire Ipproponiet u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti tal laqgħa numru 36 bħala korretti.

38.2.3 Is-Sa Marie Claire Ipproponiet u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti tal laqgħa numru 37 bħala korretti.

38.2.4 Is-Sa Marie Claire Ipproponiet u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti tal laqgħa numru 37 laqa ta kontinwazzjoni bħala korretti.

**38.3 Arisings mill-Minuti**

38.3.1 Xejn

**38.4 Għeluq tas-sena finanzjarja**

39.4.1 Is-Sa Lorna Sultana kienet ghadha ma waslietx għalhekk is-sindku ipprocediet bl-item li jmiss skont l-aġenda, kommunikazzjoni mis-sindku.

**38.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

38.5.1 Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li wara li wara l-Inizjattiva ta Trift room f'Jannar ser inkun qed inkompli ngħinu lil Cat feeders billi nibqgħu nifthu il-kamra sa l-aħħar ta' Frar u nbiegħu il ħwejjeġ bil-għan li niġbru aktar fondi għal Cat Feeders. Is-sur Kayloke saqsa jekk hemmx xi skema għal dan il-għan fejn is-sindku qalet li bħalissa le. Is-sur Gilmour staqsa jekk hemmx possibbiltà li jibqa' jsir jekk dan ikun sostenibbli. Is-sindku ma ratx għalfejn le.

38.5.2 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti wara il-laqgħa li kellna flimkien mal kunsill tal-Imsida ġejna mgħotija appuntament mal ministru sabiex tiġi diskussa l-art Verġni. Tali Laqgħa ser issir nhar 23 ta' Frar u din ser tkun ta beneficċju għar residenti taż-żewġ lokalitajiet

38.5.3 is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li saret laqgħa ma Sa Ivana Legname rappreżentanta ta Focus Europe. Preżenti għal-laqgħa kien hemm Is-Sa Marie Claire, Is-sur Antoine u Is-Segretarju Eżekuttiv, fejn spjegat dwar il-possibiltajiet u l-benefiċċji li jista' jkollu il kunsill jekk nissieħbu sabiex isiru ġemellaġġi ma postijiet oħra fl-Ewropa. Hija tenniet li l-membership ta €1000 tkopri sena sħiħa però meta jsiru l-ġemellaġġi ma jitħallas xejn aktar. Proposta ġiet approvata bejn dawk preżenti.

38.4.1 **17.39** Is-sa Lorna Sultana daħlet għas-seduta sabiex tippreżenta Q4 u Għeluq tas-Sena finanzjarja. Is-sindku talbet sabiex tipproċedi bil-preżentazzjoni.

38.4.2 Is-Sa Lorna ippreżentat summarju qasir tar-Raba rapport finanzjarju għas-sena 2025. Hija qalet li il-kunsill kien qiegħad f'qagħda finanzjarja tajba.FSI indexqed jimmarka 15% li huwa sinjal tajjeb. Rapport ġie approvat bejn dawk preżenti.

38.4.3 Is Sa Lorna ippreżentat summarju qasir tal Unaudited finacial statments 2025. Hija qalet li iż-żewġ rapporti jirriflettu qagħda finanzjarja tajba. Rapport ġie approvat bejn dawk preżenti.

38.4.4 Is-sindku staqsiet jekk kienx hemm domandi dwar iż-żewġ rapporti. Ħadd ma staqsa xejn. Rapporti ġew approvati b'mod unanimu bejn dawk prezenti.

Hija kompliet tghid li issa peressl li l-accountants kienu waqfu it tender u kif kien maqbul l-accounts kien ser jghaddi tah il kumpanija 3A  sa kemm tinħareg it-Tender.

38.4.5 **17.43** Is-Sa Rosette ingħaqdet ma dawk preżenti għal-Laqgħa

38.5.4 Is-sindku kompliet bil kommunikazzjoni tagħha

38.5.5 Is-sindku ipproponiet lil dawk preżenti sabiex l-ispazju miftuħ li hemm fil foyer jiġi utilizzat aħjar billi noħorġu espressjoni ta' interess u nsejħu artisti Karkariżi varji sabiex itellgħu esibizzjonijiet tax-xogħolhom. Is-Sa Marie Claier u Antoine staqsew dwar sigutà fejn is-sindku qalet li il-kunsill mhux ha jidħol fi spejjes. Ovvjament inħejju ftehim sabiex kull min itellgħu l-esebizzjoni ikun responsabbli hu għal dan. Kien hemm qbil u approvazzjoni bejn dawk preżenti.

38.5.6 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li kien jeħtieġ jerġgħu jiġu ppreżentati Minuti antiki biex jiġu korretti u approvati skema .SPI SCI. 01. 2022 FINANZJAMENT GHAL ŻVILUPP U TITJIB FIL KUNDIZZJONIJIET TAL PLAYIG FIELDS. Għalkemm l-Skeda tal pagamenti kienet iffirmata u approvata dawn ma kienux imniżżla fil-minuti. Għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jerġgħu jiġu ppreżentatu issir emenda u approvat biex niġu rimborżati. Is-sur Kaylocke staqsa ta min kien dan l-iżball għaliex u sindku qalet tas-seg. Ez. Preċedenti. Minuti ġew emendati u approvati bejn dawk preżenti

38.5.7 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li kif kienu infurmati konna ħadna l-iskema sabiex jiġi irranġat il-ġnien ta' John Borg . Hija kompliet tgħid li ikun tajjeb li f'dan il ġnien ninkludu Dog Park fil-biċċa art mhux utilizzata li preżentement qeda tintuża biex il-klieb jgħamlu il bżonnijiet tagħhom. Hija talbet l-approvazzjoni ta dawk preżenti sabiex ninkludu dan id-dog park mal proġett. Kien hemm qbil u approvazzjoni bejn dawk preżenti.

38.5.8 Is-sindku informa lil dawk preżenti li l-ftehim mal-kumpanija li kienet qed toffri s-servizz ta' tiswija u manutenzjoni fuq il-laptops kien ser jiskadi. L-investiment kien ta' €5000. Din il-kumpanija reġgħet uriet interess u pproponiet li terġa' toffri l-istess servizz. Hija qalet li minn dan il-ftehim bbenefikaw 1092 residenti u li l-kunsill għandu wkoll dejta dwar kemm in-nies jiġu moqdija kull xahar.

Is-Sinjura Marie Claire staqsiet jekk hemmx fondi allokati għal dan is-servizz, u s-sindku wieġbet li dawn jaqgħu taħt il-baġit tal-edukazzjoni.
Kien hemm qbil fost dawk preżenti sabiex dan is-servizz jiġi estiż.

38.5.9 Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-L-isprall fi triq L-Imsida ġarrab ħsarat estensivi meta saru xogħlijiet mill-Enemalta fi Triq l-Imsida. Dawn il-ħsarat kienu ta' natura strutturali u affettwaw is-sigurtà tal-infrastruttura, tant li l-kundizzjoni tiegħu saret perikoluża għall-pubbliku. Il-kunsill kien obbligat li jintervjeni b'urġenza biex jevita riskji immedjati, u għalhekk ix-xogħlijiet ta' tiswija kellhom isiru minnufih. Minħabba l-urġenza, in-natura teknika tax-xogħol u l-ħtieġa li jintużaw materjali u tagħmir speċjalizzat, l-ispiża totali laħqet madwar €25,000.
Għalkemm il-kumpanija kienet informata b'din il ħsara dawn ma irrifjutaw li jassumu ir-responsabbiltà. Il perit qed iħejji rapport u ser jiċċertifika ix-xogħol u hekk kif isir dan ser inkunu qed ifittxu legalment lil dawk responsabbli.

Is-sindku tenniet titkellem dwar l-isprall li jinsab quddiem il-kunsill, fejn spjegat li x-xogħlijiet issa waslu fl-aħħar fażi tagħhom. Hija rrimarkat li kien hemm ċertu dewmien fil-proċess, u parti minn dan id-dewmien kienet ikkawżata mill-maltemp qawwi li laqat il-gżejjer tagħna f'dawk il-jiem.

38.5.10 Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li l-kunsill irċieva email mingħand il-membri tal-Każin Banda Sant Elena, li fiha talbu għajnuna finanzjarja. Hija spjegat li ser tiltaqa' mal-membri tal-każin sabiex tifhem b'mod eżatt in-natura u l-iskop tat-talba tagħhom. Wara din il-laqgħa, is-Sindku ser tkun qed tinforma lill-kunsill dwar ir-riżultati fil-laqgħa li jmiss.
Is-Sur Antoine staqsa jekk hux hemm baġit allokat sabiex tali għajnuna tkun sostenibbli. Is-Sindku qalet li bħalissa ma hemmx fondi ddedikati għal dan it-tip ta' għajnuna, peress li l-kunsill jaħdem fuq bażi ta' każ b'każ. Madankollu, qalet li jkun xieraq li fil-futur jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' social fund, kif issuġġerit, sabiex tali talbiet jiġu indirizzati b'mod aktar strutturat.

**38.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

38.6.1 Is sindku qalet li kienet irċeviet mistoqsjiet mingħand il kunsillier Kaylocke Buħagiar.
**Il Mitħna .** *Il-Mithna ta' ma gnien il-haddiem fiex waslet wara it-tindif li sar fija?*

Is-Sindku qalet li kienet għamlet diversi laqgħat mal-Heritage sabiex tiċċara l-pożizzjoni dwar il-proġett. F'dawn il-laqgħat ġie propost mudell ta' Public-Private Partnership, u l-Heritage ta l-approvazzjoni biex il-proċess jimxi 'l quddiem.
Is-Sur Kaylocke reġa' staqsa jekk dan il-proġett hux abbandunat. Is-Sindku ċaħdet dan u spjegat li l-proġett mhux abbandunat, iżda bħalissa jinsab magħluq temporanjament sakemm ikompli l-proċess għall-permessi meħtieġa.
Is-Sinjura Marie Claire osservat li l-post ma jistax jintuża bħalissa minħabba li mhux jinsab fl-istat li jista' jidħol ħadd fih. Is-Sindku qablet li hemm bżonn intervent u żiedet li bħalissa qed isiru l-passi meħtieġa sabiex issir id-devoluzzjoni tal-Ġnien il-Ħaddiem lill-kunsill.

**Triq Mannarinu.** *Triq Manarino li tinsab f'qada hazina hafna taht minn taghqa responsabli li isir it-triq? U ghalfejn qed isiru toroq ohra qabila, ezempju bhal parti minn triq dun karm li kienet ghadda tider fis-stat tajjeb.*

Is-Sindku qalet li dwar din it-triq, li hija arterjali, kienet diġà għamlet talba mal-IM, iżda qatt ma rċeviet risposta lura. Wara insistenza min-naħa tagħha, issa ġiet ikkonfermata laqgħa aktar tard dan ix-xahar, fejn ser jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma, inkluż dak relatat ma' Triq Mannarino.
Is-Sinjura Marie Claire staqsiet għaliex fl-email kien intqal li Triq San Ġiljan kienet lesta. Is-Sindku wieġbet li ser tkun qed titkellem u tiċċara dan il-punt waqt il-laqgħa li ġejja, sabiex ikollha stampa ċara tas-sitwazzjoni.

**Hsarat wara il-Maltemp.** *Kelna xi hsarat fil-lokalita taghna wara il-maltemp li l-ghaqad il-gzejjer Maltin?.*

Is-sindku wieġbet li kelna xi ħsarat fil ġonna iżda ma kienux ta natura gravi. Kull ma kien hemm xi fergħat li tqaċċtu mis-siġar ta ġnien l-Istazzjon.
Is-Sur kaylocke staqsa għaliex kienet għadha ma saritx iż-żabra f'dan il ġnien u sindku qalet li kif kienu avżati il-kuntrattur ma kienx qed jopera kif suppost u ġie terminat.

**Niċċa ta San Mikiel**. *In-Nicca ta' San Mikiel fit-Triq il-wied ma tarag triq ta' Paris f'liem fazzi wasal ir-restawr taghha u ghalfejn dan id-dwmien kollha.*

Is-Sindku staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-istatus ta' dan il-proġett. Is-Segretarju spjegat li l-aħħar komunikazzjoni li kellha mal-Heritage kienet tindika li r-restawr li sar ma kienx twettaq kif suppost, u għalhekk l-Heritage kellhom l-intenzjoni li jagħmlu huma stess ix-xogħol meħtieġ.
F'dan il-kuntest, is-Sindku rrimarkat b'mod kritiku jekk dan ifissirx li x-xogħol li sar minn studenti tal-MCAST ma kienx ta' kwalità tajba. Is-Segretarju wieġbet li fil-passat sar ħafna restawr tajjeb minn dawn l-istudenti, u li l-problema f'dan il-każ kienet relatata ma' dan l-intervent partikolari, mhux mal-ħidma tagħhom b'mod ġenerali.

**Xogħolijiet Triq il-Wied.** *Xhur ijlu gejjna infurmati li parti minn triq il-wied in-naha tas-santwarju ta' Santa Tereza kien ser isir xi xoghol fuq it-triq dan sa lum ma sar xejn. Aparti li inqalaw xi street furniture u ghadhom sal lum ma twahluwx luwra kollha.*

Is-Sindku spjegat li l-kunsill kien infurmat li kellhom isiru xogħlijiet fuq parti minn din it-triq, li għalihom il-kunsill kien mitlub ineħħi t-twavel u l-għamara tat-triq sabiex il-proġett ikun jista' jibda. Minkejja dan, minn dak iż-żmien 'l hawn ma sar l-ebda xogħol u l-proġett baqa' wieqaf. Minħabba t-talbiet tar-residenti u n-nuqqas ta' progress, il-kunsill reġa' waħħal lura xi bankijiet biex jerġa' jipprovdi spazju għall-mistrieħ u għall-użu pubbliku. Is-Sindku rrimarkat li l-kunsill għadu mingħajr risposta dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet u kienet ser issemmi dan waqt il - laqgħa skedata.

**Subway San Giljan.** *Is-Subway ta' triq San Giljan mhux dejjem tkun mixewla jew tkun mixewla bozza wahda biss flistrutuwra li iservi bhala tinda., apparti li gie imqijadd madum li jizloqq hafna. Dan kien sar tisbih permezz ta' fondi ta' madwar 50elf euro li konna inaghtajna madawr sentejn ijlu lewwel biex isir gnien fuq umbat raghjna il-htiega li nuzawhom biex nirengaw parti mis-subway. Kien gie icertifikat li kien sar ix-xoghol sew?*

Is-Sindku spjegat li il-Kunsill ma jistax isib dokumentazzjoni ta dan il-proġett u kemm is-segretarju ezekuttiv kif ukoll il haddiema li kienet responsabbli mill proġett m'għadhomx jahdmu mall kunsill u b'hekk ikkomplikaw l-affarijiet. Is-sur Buhagiar tenna jghid li l-proġett tlesta f'din il legislatura fejn is-sidku ikkoreġiet li meta telghat hi l-proġett kien lest. Is-sindku talbet Għall internal Audit.

**38.6.2 Rosette Giet imwiegba by email domandi precedenti.**

1. **Xogħlijiet fuq l-isprall ta' Triq l-Imsida**

*L-isprall li kien ġie trangat reġa' nqalgħa u qed jikkawża ħafna nkonvenjent lir-residenti kemm b'inhar kif ukoll bil-lejl. Bid-damdim lanqas ikunu jistgħu jorqdu. Ir-residenti ġew infurmati li, sabiex isiru x-xogħolijiet, irid jasal il-materjal. Meta mistenni jasal il-materjal?*

Kif kontu infurmati dan l-isprall ġratlu ħsara waqt xogħolijiet li għamlu Enemalta. Il-kunsill kellu jintervjeni sabiex ineħħi l-periklu għas-sewwieqa. Tali xogħolijiet issa jinsabu lesti u t-triq infetħet għal-użu tal-karozzi. Kull ma fadal li jiġu marbuta il-gradilji tal-ħadid. Tpoġġa anki lakstu sabiex ma jkunx hemm taħbit.

2. **L-isprall ta' quddiem il-Kunsill**

*Jista' jingħata aġġornament ta' fejn wasalna u meta mistenni jitlesta x-xogħol?*

L-istess, ix-xoghol wasal kważi fi tmiemu kelna ftit dewmien ħabba il maltemp . Qed nittamaw li sal ġimgħa diehla it triq tkun miftuħa .

### 3. Is-subway ta' ħdejn il-Klikk

*Hemm xi aġġornament dwar meta se jerġa' jitranġa?*

Rigward l-underpass, ser issir internal audit sabiex jiġi vverifikat meta sar ix-xogħol u minn min twettaq. Dan suppost ghadu taħt garanzija jekk ma qabisx is-sentejn. Il-kuntrattur responsabbli mid-dawl tat-toroq informa lill-Kunsill li ma kienx hu li wettaq dan ix-xogħol u li l-eżekuzzjoni ta l-istess xoghol hija nieqsa mill-istandards meħtieġa. Hu mhux ha jidħol responsabbli għal dan ix-xogħol. Barra minn hekk, il-madum li ntuża jiżloq u joħloq riskju għas-sigurtà tal-pubbliku, speċjalment fi ġranet ta' xita.

### 4. Christmas Village

*Aġġornament dwar l-ispiża li swiet lill-Kunsill.*

L-ispiża tal-Christmas Village, inkluża l-parti li trid tiġi koperta mill-Kunsill permezz tal-iskema, tammonta għal €28,000.Il-Kunsill irċieva €14,500 mill iskema €5000 MTA, €5000 Regjun

### 5. Il-proġett tal-mitħna tal-Imrieħel

*F'klipp, is-Sindku semmiet li saru diversi laqgħat mas-Sovrintendenza. Tista' tagħtina aktar informazzjoni dwar dawn il-laqgħat?*

*Fl-istess klipp issemma li l-mitħna se ssir parti minn niċċa ekonomika f'Birkirkara – liema pjanijiet hemm f'dan ir-rigward?*

Għall din kienet irrispondietek is-sindku fejn spjegat li saru meetings mal heritage biex tali proġett ikun sostnut  min public private partneship. Mill heritage ma kienx hemm oġġezzjoni.

### 6. Feedback ulterjuri dwar ilment ta' markings sofor fi Triq il-Girasol

*Ilement orgininali data 11.11.2025 "Nixtieq ninforma li s-sinjali sofor indikati fir-ritratt mehmuż ma jidhrux matul il-lejl. Minħabba f'hekk, ħafna karozzi qed jipparkjaw fuqhom għax il-marki fuq l-art ma jkunux viżibbli. Dan l-inkonvenjent qed joħloq problema għas-sinjura li toqgħod hemm biex toħroġ u tidħol mill-bankina, għax il-post ikun spiss blokkat mill-karozzi. Jistgħu jitpoġġew xi cones jew tittieħed xi soluzzjoni oħra?".*

*Hemm xi żviluppi dwar dan il-każ?*

Il-Marki kienu refreshed. Hija nuqqas mis-sewwieqa li qed jinjoraw tali marki. Huwa mportanti li ir-resident tghamel rapport l-għassa ghax dan jiġi ksur tal-liġi.

7. **Bankijiet ta' Triq il-Wied**

*Għalfejn inqalgħu dawn il-bankijiet?*

L-aħħar aġġornament li kelli dwar xogħolijiet li kienu pjanati f'din it triq u li suppost sar f'Settembru li għadda kien, li għalissa ma hemmx indikazzjoni meta ha jibda ix-xogħol. Għall dan jien irrispondejt li allura ser inkun qed nitlob li jerġgħu jiġu installati il-bankijiet u anki senjaletika li nqalat peress li huma kienu talbuna li nagħmlu dan qabel ix-xogħol.

**8. Kaxxi bojod li nżebgħu sofor fi Triq F.S. Caruana u Triq Indri Calleja**

*Għalfejn sar dan meta diġà hemm problema kbira ta' parkeġġ? Ilni xhur ngħaddi dan l-ilment, iżda għadni mingħajr risposta.*

Tista tghidli leima part ta triq hi din please?

**9. Każ ta' tqegħid ta' cones quddiem residenza fi Triq Bwieraq**

*Ingħatat risposta ghall-ilment li kont ressaqt li "Il-Kunsill kien applika għal permess ma' Transport Malta, iżda waħda mill-cones ma kinitx ta' użu u nqalgħet."*

*Jien erġajt ikkorrespondajt billi għedt li r-residenti "Reġgħu ċempluli u qaluli li reġgħu tkellmu ma' Transport Malta, u qalulhom li permess għall-cones ma ħariġx min-naħa tagħhom, iżda li hija responsabbiltà tal-Kunsill. Għaldaqstant qed jitolbu li jitneħħew peress li huma ta' xkiel quddiem il-bieb tagħhom."*

*Minkejja li ilni xhur nistaqsi dwar dan il-każ, għadni ma rċevejtx risposta.*

Dawn il cones saru wara talba lil kunsill fejn resident irraporta li ma setax joħrog mil propjeta tiegħu

38.6.3 Is-Sur Antoine talab biex jgħamel xi domandi fejn is-sindku tablet biex tali domandi jintbgħatu bl-email qabel ghaliex xorta ma tkunx tista tirrispondieh minghar ma ticcekja. Antoine fakkar fl-aġħħar laqgha tal patrimonju u is-sindku fakkret rigward il party tal-karnival ta tfal u il ballu

**38.7 Tenders**

38.7.1 Is-sindku infurmat li it-Tender Soft areas kien mgħaluq u ntrebah minn  Dereck Garden Centre. Fil jiem li ġejjin kienet ser tintbgħat  Letter of Acceptance jiġu finalizzati il-proceduri u jibda ix-xogħol.It tender ser ikun qed ikopri Birkirkara kollha u jinkludi tindif, zbir u ħart, thawwil ta sigar u fjuri skont l-istaġun etc.
Kien hemm approvazzjoni bejn dawk prezenti

38.7.2 Is-Sindku informa li t-tender għall-ġbir tal-bulky refuse ingħalaq u bħalissa jinsab fl-istadju tal-appelli. Intqal li dan it-tender intrebah mill-kumpanija Agribrands, li hija kumpanija ġdida. Kaylocke staqsa jekk l-offerta ta' din il-kumpanija kinitx l-irħas waħda, u s-Sindku wieġbet iva, għaliex il-kumpanija ressqet tliet offerti u tnejn minnhom ġew skwalifikati. Ġie mistoqsi jekk dan setax isir, u ntqal li iva. Kien hemm approvazzjoni minn dawk kollha li kienu preżenti.

**38.8 Rapporti**

Xejn

**38.9 Amministrazzjoni.**

38.9.1 Is-sindku qalet li 6xhur ilu gew approvati żewġ haddiema ġodda. Issa li għadda żmien ta probation dawn setgħu jaqilbu full time. Hija talbet għall approvazzjoni ta dawk preżenti. Kien hemm qbil umanimu bejn dawk prezenti.

**38.10 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**38.10.**1 Is sindku Staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti. Is-sur Sikari staqsa dwar il performance bonus fejn is-sindku qalet li dan kien approvat fil-laqgha precedenti u mhallas issa. Huwa staqsa dwar overtime tal haddiema fejn is-sindku irrispondiet li jista jara dokumenti kollha jekk jigi il kunsill bla problema.
Is-sur antoine  staqsa jekk il Cleansing ghadux attiv fejn kompla jsaqsi dwar hlasijiet li saru fuq tindif. Sindku irrispondiet li kuntratt tal-cleansing ghadu attiv u dak il hlas isir fuq gbir ta skart mghormi illegalment.

**38.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

38.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis 6.26 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data tal-laqgħa li jmiss ġiet skedata għall nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu fil 5.30pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto